MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Rikors Numru. 56/2011

**George Pace**

**vs**

**Avukat Generali**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ George Pace li permezz tieghu, wara li ppremtta illi:

R-rikorrenti gie mressaq il-Qorti u akkuzat talli flimkien ma’ persuna ohra, ikkommetta omicidju volontarju, u cioe’ dolozament, bil-hsieb, li joqtol persuna jew li jqieghed l-hajja taghha f’periklu car, ikkagunawlha l-mewt; fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu u minghajr licenzja tal-Kumissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu, u in segwitu tal-Att t’Akkuza numru 19/2007, ghadda guri u b’sentenza datata tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru, tas-sena elfejn u disgha (2009), r-rikorrenti, wara li nstab hati, bhala komplici gie kkundannat ghal tletin (30) sena prigunerija, liema sentenza giet konfermata fl-Appell permezz ta’ sentenza datata dsatax (19) ta’ Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011);

Peress li l-allegat komplici, ko-akkuzat, ma kinex xhud kompetenti fl-istadju tal-guri, huwa ma giex prodott bhal xhud fil-kawza ta’ l-esponenti, l-provi principali, rizultanti minn l-investigazzjoni tal-Pulizija, u l-inkjesta u li gew prezentati kemm fl-istadju tal-kumpilazzjoni, kif ukoll tal-guri, huma limitati ghal u kostitwiti essenzjalment minn tlett (3) stqarrijiet datati 2, 3 u 5 ta’ Settembru 2004 u dan l-istat ta’ fatt ikkundizzjona il-linja difenzjonali tieghu waqt is-smiegh tal-guri;

Waqt u matul dawn l-istqarrijiet ma kienx hemm il-prezenza t'Avukat u lanqas l-esponent ma kien assistit minn Avukat waqt u matul it-tehid ta' dawn l-istqarrijiet u illi dan jammonta ghal lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ghal terminu ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan specjalment in vista tal-fatt illi dawn it-tlett (3) stqarrijiet jikkostitwixxu l-provi principali prodotti mill-Prosekuzzjoni;

L-esponent jaghmel referenza ghal kazistika tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Saldux vs Turkija, deciza fis-27 ta' Novembru tas-sena 2008, Panovits vs Cipru deciza 11 ta' Dicembru, 2008, Dayanan vs Turkija deciza fit-13 t'April, 2009, Plonka vs Polonja deciza 31 ta' Marzu, 2009, Nadem vs Kroazja, deciza fil-21 ta' Gunju, 2011, fejn il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet illi n-nuqqas ta' assistenza legali waqt u matul l-interrogazzjonijiet ta' l-Awtoritajiet Investigattivi u tal-Pulizija, jledi d-dritt fundamentali tal-Bniedem ghal smiegh xierqa, kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Inoltre, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghas-sentenzi tal-Qrati Maltin, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera (deciza fil-11 ta' April 2011), il-Pulizija vs Mark Lombardi (deciza fit-12 ta' April 2011), Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech (Rikors ghal referenza Kostituzzjonali, deciza fl-4 ta' Lulju 2011) u l-Pulizija vs Esron Pullicino (deciza fit-12 ta' April 2011);

Dwar ir-rimedju, l-esponenti jaghmel referenza inter alia ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Panovits vs Cipru, deciza fil-11 ta' Dicembru, 2008, fejn il-Qorti qalet:

*'It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings.'*

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, u la darba ma giex koncess lir-rikorrent id-dritt tal-prezenza u l-assistenza legali, waqt u matul l-interrogazzjonijiet maghmula mill-Pulizija, u fl-inkjesta, (liema stqarrijiet huma datati 2, 3 u 5 ta' Settembru 2004), huwa sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kemm ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti takkordalu rimedju xierqa u opportuni, inkluz s-smiegh mill-gdid tal-kaz tieghu.

Talab lil din il-Qorti:

Tiddikjara illi fil-kors tal-proceduri fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Pace***, decizi fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena kurrenti elfejn u hdax (2011) gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq;

Konsegwentement tiddikjara illi sehhet vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Taghti r-rimedju effettiv u opportuni fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha gie eccepit illi:

L-lanjanzi tar-rikorrent huma fis-sens illi *'la darba ma giex koncess lir-rikorrent id-dritt tal-presenza u l-assistenza legali, waqt u matul l-interrogazzjonijiet maghmula mill-Pulizija, u fl-Inkjesta, (liema stqarrijiet huma datati 2, 3 u 5 ta' Settembru 2004), huwa sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kemm ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni'*.

L-Esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

In linea preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni stante li l-Qorti Kostituzzjonali diga' ippronunzjat ruhha fuq il-punt ta' l-assistenza ta' avukat referibbilment ghal waqt u matul l-interrogazzjonijiet tal-Pulizija u cioe' waqt li tigi rilaxxata l-istqarrija. Il-Qorti Kostituzzjonali fir-referenza Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi deciza fit-12 ta' April 2011 ghamlitha cara illi persuna suspettata ma ghandhiex dritt li tkun assistita waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

**Ebda ksur ta' l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

L-esponenti jissottomettu illi bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smiegh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropeja sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq minhabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u irreteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponenti jirrileva illi certament illi mhux il-kaz illi l-Qorti Ewropea irriteniet li jekk persuna ma kienitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq.

L-esponenti jissottometti illi d-dritt ta' smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-procedura u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bhal ma qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrent fejn qed jiffoka fuq l-istadju ta' l-interrogazzjoni. L-esponenti jissottomettu illi d-dritt ta' smiegh xieraq ma jistax ikun evalwat fir-rigward ta' momenti li sehhew qabel ir-rikorenti effettivament kien tressaq bhala akkuzat. Dan kien stabbilit fil-kaz fl-ismijiet **Imbroscia v. Switzerland** (applikazzjoni numru 13972/88 deciz mill-Qorti Ewropeja fl-24 ta' Novembru 1993):

> "The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case".

L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija illi ta. Ir-rikorrenti inghata t-twissija skond il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien fiha. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li r-rikorrenti irilaxxa tlett stqarrijiet b'mod volontarju.

In oltre, fl-ebda waqt tal-proceduri ma giet attakkata l-validità jew il-volontarjetà ta' l-istqarrija da parti tar-rikorrenti izda kien biss wara numru konsiderevoli ta' snin mir-rilaxx ta' tali stqarrija u xhur wara li l-gudizzju fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent sare *res judicata*, li qieghdha issa tigi attakkata l-istqarrija sabiex l-istess rikorrent jittanta jerga jiftah proceduri li huma maghluqa u dan fuq pretensjoni li allegatament l-istqarrija ittiehdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentati tieghu.

L-esponenti jissottomettu illi recentement il-Qorti nostrali kellhom l-opportunità li jezaminaw dan il-punt u l-Qorti Kostituzzjonali f'dawn il-pronunzjamenti stabbiliet il-

principju illi kull kaz irid jigi analizzat u skrutinizzat fit-totalità tieghu u fuq il-fattispecie partikolari tal-kaz partikolari. Illi senjatament fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April 2011 gie stabbilit bl-aktar mod illi l-fatt illi persuna suspettata ma tkunx assistita minn avukat waqt l-interrogatorju ma jilledix id-dritt ghas-smiegh xieraq tant hu hekk illi l-istess Qorti Kostituzzjonali sabiet illi l-ligi vigenti li taghti lok thall-assistenza legali qabel l-interrogatorju instabet illi effettivament tinsab in linea mad-disposizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali.

L-esponenti jissottomettu wkoll illi l-istess Qorti Kostituzzjonali fir-referenza kostituzzjonali ta' Mark Lombardi ghamlitha cara illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ma ghandhiex taffettwa dawk id-decizjonijiet illi llum huma *res judicata*. Din hija l-istess linja li hadu l-Qrati Inglizi fejn senjetament fil-kaz ta' Cadder gie osservat illi *'The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been fianlly determined'*.

L-esponenti jissottomettu wkoll illi l-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet il-principju u kkonkludiet illi d-decizjoni ta' Salduz v. Turkey deciza fis-27 ta' Novembru 2008 ma ghandhiex ikollha effett retroattiv. Essenzjalment dan huwa l-pern tal-kwistjoni odjerna u cioe illi l-proceduri kriminali issa ghaddew in gudikat u maghdud ma' dan, l-istadju preliminari tal-proceduri ta' dan il-kaz, gew konkluzi qabel Novembru 2008 tant hu hekk illi l-Att ta' l-Akkuza nhareg fis-sena 2007 u cioe' ftit aktar minn sena qabel id-decizjoni ta' Salduz v. Turkey, li ghalhekk, in

linea mal-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi', ma tistax tigi applikata ghall-kaz odjern.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet moghti fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu il-Qorti ordna li jigu allegati l-atti tal-process Repubblika ta' Malta vs George Pace (Att ta' Akkuza Nru. 19/2007.

Semghet xhieda viva voce.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012 fejn il-Qorti Akkordat zmien lir-rikorrent sabiex iressaq sottomissjonijiet bil-miktub, u lill-intimati d-dritt li jwiegbu wkoll bil-miktub.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Semghet lid-difensur tar-rikorrenti jittratta l-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti tiddikjara lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 l-Kostituzzjoni, u dana wara li kien irrilaxxa stqarrijiet lill-Pulizija minghajr ma kien assistit minn avukat.

Jirrizulta illi fl-2004 il-Pulizija interrogat lil George Pace dwar omicidju li kien sehh fl-Ahrax tal-Mellieha fl-1989, cioe' hmistax-il sena qabel. Huwa rrilaxxa zewg stqarrijiet wara li nghata s-solita twissija. Huwa sussegwentement gie akkuzat in relazzjoni mal-fuq imsemmi omicidju.

Jirrizulta illi fit-22 ta' Ottubru 2009 George Pace gie misjub hati b'verdett tal-gurati talli fl-1989 kien komplici f'omicidu u komplici ma persuna li kellha fuqha arma. Permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali giet inflitta fuqu piena ta' tletin sena prigunerija. Din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2011.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza li dak li jittutelaw l-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni huwa:

*"d-dritt fondamentali ghall-smiegh xieraq. Mandankollu, kif irriteniet ricentement il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza 'Muscat vs Avukat Generali' (deciza fit-8 t'Ottubru, 2012):*

*"ma hemm ebda jedd li kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat*

*jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi rregolarita, tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-jedd ghal smigh xieraq inghata kemm biex, wara process fi zmien ragonevoli u bil-garanzija xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghalhekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal-htija tieghu. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex , b'xi mod jew b'iehor, ma jwegibx tal-htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smiegh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet".*

*Ghaldaqstant l-ezercizzju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju m'huwiex sempliciment li tirregistra n-nuqqas ta' ghajnuna legali waqt l-interrogazzjoni tar-rikorrenti. Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-fuq citata decizjoni:*

*"li ghandha taghmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur".*

*Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghall-smiegh xieraq.*

*Sabiex tistabilixxi l-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smiegh xieraq, il-process fil-konfront tar-rikorrenti odjern irid jigi mifli fil-kompletezza tieghu w fic-cirkostanzi kollha tal-istess rikorrenti".*

Il-Qorti Ewropea fil-kaz Imbroscia vs Switzerland irriteniet ukoll:

> *"The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case".*

Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Pulizija vs Tyrone Fenech (22 ta' Frar 2013:

*"L-jedd ta' l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalità li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla tehdid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat".*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li George Pace irrilaxxa l-istqarrijiet tieghu wara li nghata s-solita twissija. Huwa stess, meta xehed f'dawn il-proceduri kkonferma li "Il-Pulizija m'heddewnix u lanqas ma sawtuni" (fol. 21). Jirrizulta wkoll illi George Pace, fil-kors tal-investigazzjoni, ttiehed fuq il-post tad-delitt. Dwar dan l-ispettur Chris Pullicino xehed hekk:

> *"fuq il-post l-ewwel ma hadna lil George Pace. Meta morna fuq il-post kif wasalna l-Ghadira konna ghidna lil George Pace illi minn hemm il quddiem kien hu ha jurina l-post filfatt kien hadna fit-triq li taghti lejn l-Ghammieri, cioe' t-triq ta' faccata tan-nicca ta' Marfa Raod, f'hin minnhom gieghlna niksru ghal gos-sigar fuq il-lemin, dahhalna go fetha fil-haxix fejn indikalna illi kienu pparkjaw u minn hemm ghaddejna minn go trejqa sal-kamra fejn gara l-fatt. Din hija trejqa difficli hafna biex issibha jekk ma tkunx taf ezatt biha ghax tghaddi minn fuq l-irdum ta' l-ahrax u tigi fejn din il-kamra. Dahhalna f'din il-kamra u spjegalna x'kien gara. Jidhirli li ndikalna wkoll fejn kien bil-wieqfa u fejn kien bil-wieqfa Carmelo Sant li spara t-tiri u gie anke fotografat jaghmlilna l-indikazzjonijiet mill-Ispettur Ellul".*

Huwa rega ghamel l-istess waqt il-guri.

F'dawn il-proceduri stess, George Pace jikkonferma fix-xhieda tieghu illi "Waqt l-access kont urejt lill-Qorti fejn kont jiena barra mill-kamra". Minn dan jirrizulta illi waqt il-process kriminali huwa ma ghamel xejn biex ixejjen dak li spjega lill-Pulizija, kif del resto ma kien ghamel xejn

biex jikkontesta l-istqarrijiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Anzi wasal biex ikkonfermahom bil-ko-operazzjoni tieghu.

Bhal ma rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Il-Pulizija vs Tyrone Fenech (22 ta’ Frar 2013):

*“Din il-qorti ma tistax, bla ma turi nuqqas ta’ fiducja fl-isitituzzjoni gudizzjarja tal-pajjiz, tghid illi l-garanzija ta’ legittimità moghtija bil-prezenza ta’ magistrat ma hijiex, fin-nuqqas ta’ prova kontrarja, bizzejjed”.*

L-abbli difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti jistrieh konsiderevolment fuq il-kaz ta’ Salduz vs Turkija (27 ta’ Novembru 2008). Din il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-kummenti moghtija fir-rigward mill-Qorti Kostituzzjonali fil fuq citat kaz Muscat vs Avukat Generali. Dik il-Qorti, wara li ddeskriviet il-kaz ta’ Salduz bhala wiehed estrem u eccezzjonali, ccitat minnu s-segwenti bran:

> *“The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless, Article 6 (3(c)) does not have specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court’s task being only to ascertain whether the*

> *method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused".*

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tinnota t-trapass taz-zmien f'dan l-iter kollu. L-omicidju li in konnessjoni mieghu nstab hati r-rikorrenti sehh fl-1989, l-istqarrijiet lill-Pulizija gew rilaxxati xejn anqas minn hmistax-il sena wara, altru milli zmien bizzejjed biex jiehu parir legali; inoltre is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali giet pronunzjata fid-19 a' Mejju 2011. Kien biss xi xhur wara din is-sentenza li hass ir-rikorrenti li huwa gie ppregudikat fil-proceduri, dan meta l-kaz ta' Salduz kien ilu mill-2008 li gie maqtugh mill-Qorti Ewropea ta' Strasburgu.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' t-twegiba tal-intimati, tichad it-talbiet ta' George Pace.

L-ispejjez jithallasu minn George Pace.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------